Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 383 / 2017

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Dennis Theuma)**

**Vs**

**Dominic Giannakoudakis**

Illum 31 ta' Lulju 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Dominic Giannakoudakis detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 0366507L, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli matul ix-xahar ta' April 2005 u fix-xhur ta' qabel din id-data f' dawn il-gzejjer:

a) Biegh jew xort' ohra traffika r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f' tali cirkostanzi li juru li mhux ghall-uzu esklussiv tieghu;

b) Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-27 ta' Settembru, 2017, fejn wara li rat l-Artikoli 8 (a), 8 (b), 22 (1) (a), 22 (2) (b) (i)

u (ii), il-proviso tal-Artikolu 22 (9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva u multa ta' elf Euro (€1,000) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandha tithallas mill-hati f' rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar. B' dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi. Tali piena ta' multa tinkludi wkoll parti mill-piena li l-Qorti applikat fir-rigward tat-tieni parti tal-imputazzjoni (a) ossia l-pussess aggravat tar-raza tal-*cannabis.*

In oltre bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghdet lill-hati taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien tnax-il (12) xahar mil-lum u dan taht il-kundizzjonijiet indikati fl-istess Ordni, liema Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu tal-Ordni jew jekk jonqos li jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-istess Ordni.

Il-Qorti ma ordnatx lill-hati jhallas l-ispejjez tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li fiz-zmien mertu tal-kaz odjern dan seta' jsir biss fuq talba tal-Prosekuzzjoni, liema talba ma saritx.

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga u / jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, Dokumenti DT 1 u DT 2, hekk kif is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Dominic Giannakoudakis, pprezentat fis-6 ta' Ottubru, 2017, fejn talab lil din l-Qorti:

1. Tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f' dik il-parti fejn sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih, tirriformaha billi tapplika l-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tirriforma l-piena ghal wahda iktar mita u gusta fic-cirkostanzi;
2. Alternattivament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, tirriforma s-sentenza appellata billi tvarjaha fil-parti tal-piena inflitta billi taghmel rakkomandazzjoni lill-Eccellenza taghha l-President tar-Repubblika ta' Malta sabiex tigi applikata l-mahfra Presidenzjali fil-konfront tal-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Applikazzjoni erronja tal-ligi

Il-Qorti qieset illi l-imgieba tal-appellanti ma tinkwadrax fil-parametri ta' traffikar by sharing kontemplata fil-ligi fl-artikolu 22 (9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Tikkunsidra illi l-appellanti ma kienx sempliciment jipprovdi lil shabu mid-droga tieghu jew mid-droga li kienet intiza ghalih biss, izda li hu kien jixtri d-droga bl-intiza li jaqsamha ma' shabu, u infatti kien jaqsam ir-raza f' bicciet u igerbibhom fil-foil ghal shabu, li jkunu jhallsu ta' sehemhom. Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, l-Ewwel Qorti kkonkludiet li ma jissostistux l-estremi tat-traffikar by sharing u konsegwentement ikkundannatu piena ta' prigunerija effettiva.

L-appellanti jhoss li jezistu l-estremi li jiggustifikaw l-applikazzjoni tal-ewwel proviso tal-artikolu 22 (9) tal-Kapitolu 101 u konsegwentement l-Ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi meta naqset milli tapplikah.

Dan is-subartikolu gie introdott bl-Atti XVI tal-2006 u jipprovdi dan li gej:

> "Izda meta, dwar xi reat imsemmi f' dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta' kull kundanna li l- persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l- medicina f' dak l-istess post flimkien ma' ohrajn, il-Qorti tista' tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu..."

Huwa ben risaput, kif tajjeb intqal minn din l-0norabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet Il- Pulizija vs Marco Galea deciza fil-5 ta' Mejju 2008, illi "apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-

ewwel proviso (fosthom l-ammont u x-xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra."

L-esponenti jabbracca bis-shih dan l-insenjament, u jhoss li l-fatti tal-kaz jinkwadraw perfettament fil-parametri ta' din l-enuncjazzjoni. Ma hemmx dubju li fil-kaz in ezami l-appellant dejjem kien bi hsiebu jikkonsma r-raza tal-kannabis flimkien ma' shabu u l-istess post. Il-fatt li seta' sar ftehim minn qabel biex jikkunsmaw id-droga, u l-fatt li d-droga ma kinitx ghall-uzu personali tal-appellanti biss, ma jnaqqas assolutament xejn mill-intenzjoni cara tal-appellanti li joffri u jqassam id-droga ma' shabu u jikkonsmawha fl-istess lok.

Il-legislatur gustament ried li persuni li jaqsmu d-droga ma' haddiehor f' okkazzjonijiet isolati ma ghandhomx jigu penalizzati bl-istess mod li jigu penalizzati traffikanfi li jbieghu d-droga bl-intiza cara li jaghmlu l-qliegh minn fuqha. Fil-kaz odjern l-appellanti dejjem kien jixtri ghalih bil-hsieb li jaqsamha ma' shabu, li gieli hallsuh taghha. Qatt ma biegh droga lil persuni li ma jiffurmawx parti mill-klikka, u qatt ma ghamel qliegh minn fuqha: shabu kienu sempliciment ihallsuh ta' sehemhom. Imkien mill-atti processwali ma jirrizulta li kien ibieghilhom id-droga biex jikkunsmawha wahidhom aktar tard. Anke jekk jista' ikun kien hemm okkazjonijiet fejn id-droga ma gietx ikkunsmata fl-intier taghha f' lejl wiehed, l-intiza originali dejjem kienet li jaqsmuha flimkien fl-istess post.

L-appellanti jhoss li din l-iskuzanti taht l-Artikolu 22 (9) ma ghandiex tigi interpretata restrittivament ghal dawk ic-cirkostanzi biss fejn persuna tixtri d-droga ghaliha biss u taqsamha ma' persuni fl-istess post minghajr ma jkun hemm hsieb ghal dan a priori. Id-disposizzjoni ghandha tapplika ukoll meta persuna tixtri d-droga appozitament ghal xi haddiehor, dejjem sakemm ikun hemm il-hsieb specifiku li din tigi kkunsmata ma' dik il-persuna fl-istess post. Il-legislatur ma riedx li l-beneficcju jintilef sempliciment ghax ikun hemm ftehim a priori. L-appellanti jhoss li tali interpretazzjoni restrittiva tmur ferm oltre' l-ispirtu tal-ligi u hija bi ksur tal-massima ubi lex voluit dixit.

Harsa lejn id-dibattiti parlamentari dwar l-emenda tal-ligi turi li l-intenzjoni tal-legislatur qatt ma kienet li l-iskuzanti ghar-reat tkun limitata biss ghal dawk li jaqsmu d-droga li kienet intiza biss ghalihom:

Sal-lum kull kaz ta' traffikar — zghir jew kbir, sharing u mhux sharing — kien jaqa' taht il-kappa tat-traffikar u allura, malli l-kaz tieghek jaqa' taht din il-kappa, awtomatikament kien ikollok piena karcerarja tassattiva ta' sitt xhur. Jigifieri l-ahjar li tista' tmur huwa li tehel sitt xhur habs.... ghal min qieghed jaqsam ma' xi hadd ammonti zghar ta' droga. Xorta jitqies bhala traffikar b' mod generali, pero' mhux bilfors li l-hati jintbaghat il-habs. Ghalhekk m' ahniex qed innehhu l-piena karcerarja ghax-sharing imma qed nghidu li fil-kaz ta' sharing mhux bilfors li jkun hemm piena karcerarja.

Din l-emenda qed naghmluha b' tali mod li ma jkunx hemm xi hadd li jipprova juzaha sabiex ma jmurx il-habs meta haqqu jmur il-habs. Qeghdin

ukoll noholqu l-parametri u naghtu d-diskrezzjoni lill-qorti. Qeghdin nghidu li d-droga li kellu ma kienitx sabiex jaghmel il-flus biss minnha imma l-intenzjoni tieghu hija dik li jikkonsmaha personalment jew ma' xi hadd iehor. Barra minn hekk l-akkuzat jista' jikseb dan il-beneficcju ghal darba wahda biss, jigifieri jekk wara li l-qorti ma tkunx baghtitu l-habs fil-kaz ta' sharing u dan jerga' jikkommetti reat iehor ta' sharing, ikollu jmur il-habs bilfors, bil-piena minima karcerarja ta' sitt xhur."[1]

Ma hemmx dubju ghalhekk li l-emenda kienet intiza biex tapplika ghal dawk kollha li jakkwistaw id-droga u jaqsmuha ma' persuni ohrajn minghajr il-hsieb li jaghmlu qliegh minn fuqa. Minn dan il-bran tad-dibattitu huwa inekwivoku li l-legislatur haseb li jkopri ukoll sitwazzjoni fejn l-hati jkollu l-intenzjoni a priori li jikkonsmaha ma' xi hadd iehor. L-ispirtu tal-ligi johrog car ukoll mid-disposizzjoni stess, li mkien ma tghid l-beneficcju jintilef meta jkun hemm ftehim minn qabel.

Il-fatti tal-kaz odjern jissodisfaw l-elementi kollha mehtiega biex jigi applikat il- proviso: l-appellanti kien qed jaqsam ammonti zghar ta' droga ma' shabu bil-hsieb car li tigi kkonsmata maghhom fl-istess lok. Ghaldaqstant, a kuntrarju ta' dak li kkontendiet l-Ewwel Qorti, ma hemm xejn li kien jippreklùdiha milli tapplika l-proviso msemmi ghall-beneficcju tal-appellanti.

2. L-appellanti ma jimmeritax piena karcerarja

Anke jekk in pessima ipotezi din l-Onorabbli Qorti ma takkoljix l-ewwel aggravju, l- appellanti jhoss li fl-isfond tac-cirkostanzi eccezzjonali tal-kaz hemm lok biex din il- Qorti tiehu mizuri eccezzjonali billi tirrakkomanda l-uzu tal-prerogattiva tal-mahfra.

Il-kaz jirrisali ghas-sena 2005, u cioe' kien 12-il sena ilu. Konsegwentement, kif tista' tapprezza din il-Qorti, piena karcerarja ser iggib fix-xejn dak kollu li l-appellanti kiseb sa issa bis-sahha tal-inizzjattiva kontinwa tieghu biex jahkem il-vizzju tad-droga, jirrijintegra ruhhu fis-socjeta' u jsib impjieg. Meqjus ukoll il-fatt li kienu biss wahdiet l-okkazjonajiet fejn l-appellant qasam id-droga ma' shabu, piena karcerjarja hija sproporzjonata u ingusta fic-cirkostanzi.

Ghandu jigi meqjus ukoll li l-appellanti ma damx wisq biex jiehu passi biex ihalli warajh il-hajja tad-droga u jeghleb il-vizzju. Huwa fittex ghajnuna professjonali ftit zmien wara l-arrest tieghu fl-2005. Dr George Grech, li fassal il-pjan ta' rijabilitazzjoni tal-appellanti, ma kellu xejn ghajr kliem ta' tifhir ghall-progress straordinarju u ghar-rijabilitazzjoni shiha tieghu. Ma hemm l-ebda dubju li piena karcerarja ser tkun ta'detriment kbir ghall-appellanti u ser iggib fix-xejn dak kollu li rnexxilu jibni tul dawn l-ahhar 12-11 sena.

Tenedo kont dan kollu, il-piena karcerarja ta' sitt (6) xhur effettivi tmur kontra l-ispirtu tal-gurisprudenza li dejjem sahqet ghar-riabilitazzjoni tal-imputati. F' dan is-sens issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Marco Galea (citata aktar fuq) fejn din il-Qorti kkunsidrat li minkejja l-imposizzjoni ta' piena karcerarja tassattiva, kazijiet eccezzjonijiet jirrikjedu mizuri eccezzjonali,

[1] Seduta parlamentari numru 388 tat-23 ta' Mejju, 2006

u minflok piena karcerarja ghandhom jigu applikati pieni iktar xierqa fic-cirkostanzi. Ghaldaqstant il-Qorti tal-Appell applikat id-dritt diskrezzjonali taghha li tirrikomanda l-imputat ghall-mahfra presidenzjali.

Fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Terry Graham, deciza fil-25 ta' Marzu, 2014 mill-Qorti tal-Appell, il-Qorti qieset li "l-appellant qed jahdem bi profitt u mix-xhieda ta' l-imghallem tieghu johrog messagg pozittiv li dina l-Qorti ma tistax ma tiehdux in konsiderazzjoni. Jekk verament irridu r-riforma ta' bniedem li hu mahkuma mill-vizzju tad-droga t-triq li tghaddi mill-habs ma tizra ebda riforma fih. Irridu nkunu ta' idejat wiesghin u nghinu, f' dan il-kaz lill-appellant, biex dawn in-nies jistghu jiehdu posthom fis-socjeta' u ma jigux konsiderati bhala theddida lis-socjeta'. Dan li qed jinghad diga' ntqal minn din il-Qorti diversament presjeduta meta ndikat 'a window of opportunity'. L-appellant sabha fix-xoghol. Din il-Qorti tittama li l-fiducja li qed taghti lill-appellant jissarraf pozittivament."

Fil-kaz in desamina, l-appellanti diga wera l-impenn u d-determinazzjoni tieghu billi kkonfronta l-vizzju tad-droga u f' qasir zmien irriforma ruhhu. L-esekuzzjoni tas- sentenza tal-ewwel Qorti sejra ghalhekk twassal ghar-rovina tal-appellanti.

Ghaldaqstant, l-appellanti jitlob li ssir rakkomandazzjoni ghall-prerogattiva tal-mahfra sabiex tinhafer kompletament l-piena ta' prigunerija bil-kundizzjoni li l-appellant ma jikkomettix reat iehor ghal dak il-perijodu li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq, u bil-kundizzjoni ukoll li matul dan iz-zmien izomm kuntatt mal-ufficjal tal-Probation.

Rat illi matul is-seduta tad-29 ta' Novembru 2017 saret talba mill-appellant sabiex din il-Qorti tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga, skond id-dettami tal-artikolu 8(2) u (3) tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta.[2]

Rat id-digriet ta' din il-Qorti mogħtija nhar it-12 ta' April 2019 fejn gie deciz hekk:

***Għaldaqstant, peress illi f'dan l-istadju il-Qorti tinsab sodisfatta illi l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(1) u (2) tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta jissussistu, <u>qed tilqa t-talba tad-difiża u qed tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u tirreferi lill-appellant quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga</u> ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu 537.***

***Tordna komunika ta' dan id-digriet lill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.***

[2] Folio 199 tal-atti proċesswali.

Rat illi nhar it-13 ta Frar tas-sena 2020 il-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ippreżenta r-rapport konklussiv tieghu fejn issottometta illi l-appellant issodisfa il-proċess ta' rijabilitazzjoni u kien temm l-istess b'suċċess.[3]

Rat n-nota ipprezentata mir-Registratur tal-Qorti fuq ordni ta' din il-Qorti minn fejn jirrizulta illi l-appellant ma ghandux proċeduri penali oħra pendenti u allura is-subartikolu (6A) tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537, ma jsibx applikazzjoni f'dan il-każ.

**Ikkunsidrat:**

Illi ghalkemm fl-ewwel aggravju minnu imqanqal l-appellant jikkritika s-sentenza appellata u dan ghar-raguni illi l-Ewwel Qorti sabet li ma kienx japplika fil-konfront tieghu dak dispost fil-proviso ghall-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, madanakollu wara li issa il-Qorti ikkonvertiet ruhha f'Qorti dwar id-Droga, tqies illi gjaladarba dak li qed ifittex l-appellant, fl-appell minnu intentat, huwa illi jinghata sentenza fil-komunita' jew sentenza alternattiva ghal dik tal-prigunerija effettiva, hija tal-fehma  illi qabel xejn ghandu jigi trattat l-aggravju marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti billi anke jekk *gratia argomenti* l-Qorti kellha tilqa' l-ewwel aggravju imqanqal mill-appellant il-konsegwenza ser tkun l-istess billi l-htija ser tigi ikkonfermata bil-kwalifika hekk imsejha "*trafficking by sharing*"li twassal sabiex il-Qorti tqies piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija.

Illi mir-rapport tal-Bord, kif hawn fuq imfisser, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Qorti fid-digriet taghha tat-12 ta' April 2019, jirrizulta illi l-appellant huwa kandidat idonju sabiex fil-konfront tieghu jigu applikati d-dettami tas-subartikoli (7) u (8) tal-Kapitolu 537 li jiddisponu testwalment:

> ***(7) Fil-każijiet fejn jissejħu lura każijiet oħra skont it-termini tas-subartikolu (6) il-Qorti tista', minkejja kull liġi oħra, fil-każ fejn persuna tinsab ħatja, tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta'terminu ta' priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, il-persuna akkużata tinsab ħatja:***

[3] Ara folio 222 et seq tal-atti proċesswali.

*Iżda l-Qorti għandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija fil-każ biss li tkun sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja kien prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga.*

*(8) Fl-għoti tas-sentenza fil-każijiet li għalihom japplikaw is-subartikoli (5), (6) u (7), il-Qorti tista' wkoll tordna li kull reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja, minbarra reat li għalih il-persuna akkużata ingħatat sentenza ta' priġunerija mingħajr l-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, m'għandux jittieħed f'konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta wara li jgħaddi perjodu li jkun minimu ta' sena u massimu ta' tliet snin mid-data tas-sentenza tal-Qorti sakemm il-ħati ma jsirx reċidiv.*

Illi mid-dokumenti annessi man-nota tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni u li hija datata t-22 ta' Jannar 2020, jirriżulta b'mod ċar illi l-appellant iggradwa b'suċċess mill-programm tal-*Caritas* fis-sena 2012. Wara dan huwa beda jagħmel użu mis-servizz tal-*Outreach* fejn kien iħalli l-kampjuni tal-urina regolarment. Sussegwentement kien qiegħed jattendi s-servizz tal-*Aftercare* fejn baqa' jagħti l-kampjuni li rriżultaw dejjem fin-negattiv. F'dan il-perijodu baqa' jigi ukoll segwit professjonalment b'laqgħat individwali. Jirriżulta wkoll illi l-appellant ilu f'relazzjoni stabbli għal sitt snin u ghandu impjieg fiss. Kwindi din il-Qorti hija tal-fehma illi l-appellant irnexxielu jegħleb il-problema ta' tossikodipendenza li kellu.

Illi din il-Qorti tqis ukoll illi l-appellant ma kellux każijiet oħra fejn gie akkuzat b'reati simili ghal dawk lilu addebitati fil-presenti istanza. Jirriżulta wkoll illi minn mindu inbdew dawn il-proċeduri (illi bdew diversi snin ilu) l-appellant bena ħajja stabbli b'xogħol fiss fejn konsegwentement jidher illi l-qagħda finanzjarja tiegħu hija wkoll waħda stabbli bħalma jidher li hija wkoll stabbli r-relazzjoni personali li għandu.

Għalhekk tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-każ, għandu japplika l-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-proviso tal-istess sub-artikolu b'dan ghalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta illi r-reat li dwaru l-appellant gie misjub ħati kien prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija jew l-esklużjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija, altrimenti applikabbli

għar-reat odjern. Tqis ukoll illi fid-dawl tan-natura serja tal-imputazzjoni li dwarha l-appellant instab ħati, sentenza ta' priġunerija sospiża hija l-piena idoneja.

Għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, qieghda tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant gie misjub hati tal-akkuzi lilu addebitati izda tvarja il-piena inflitta, tghaddi ghalhekk biex tikkundanna lill-appellant Dominic Giannakoudakis għall-perijodu ta' sitt (6) xhur priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta dan il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn (2) mil-lum. Tikkundanna inoltre l-appellant ghal hlas ta' multa ta' €600. Tirrevoka wkoll l-Ordni ta' Probation imposta fuqu u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu (8) tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur